MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-14 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 351/14

Numru fuq il-Lista: 22

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Glenn Victor Blackwell K.I. 418689(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf, erba' mija u tmintax-il Ewro u sebgħin ċenteżmu (€1418.70), rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bil-kontijiet numru *A/C 40198494* u *AC 40198204* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Sema' lil Simone Wightman rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi tikkonferma bil-ġurament illi l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi għadu dovut u ma tħallasx lanqas in parte.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elf, erba' mija u tmintax-il Ewro u sebgħin ċenteżmu (€1418.70), bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta' Settembru 2013 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur